MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1422/2001/1

**Helen Bezzina**

**vs**

**Carmelo sive Charles Bezzina**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu ir-rikorrenti kkonfermat bil-gurament illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet *Helen Bezzina mart Charles Bezzina f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minorenni Pamela Bezzina vs Charles Bezzina*, Cit. Nru. 887/81 JH, deciza minn dik il-Qorti fit-30 ta' Novembru 1981, l-intimat gie ordnat sabiex jissomministra lir-rikorrenti retta alimentarja ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha b'effett millum (*sic*), pagabbli fid-dar tar-residenza taghha; illi mentri s-sentenza citata ma gietx appellata u kwindi marret in gudikat, u r-retta alimentarja stabbilita qatt ma giet riveduta, l-intimat hallas biss tlettax-il gimgha manteniment, u dan mhux puntwalment, izda wara li r-rikorrenti hadet passi legali; illi nhar it-Tnejn, sitta ta' Awissu 2001 ghalqu ezattament elf u erbatax-il gimgha ta' retta alimentarja mhux imhallsa, biex b'hekk l-intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti fis-somma ta' ghoxrin elf mija u erbghin lira Maltin (Lm20,280) (*sic*), bl-imghax legali mid-dati tar-rispettivi skadenzi, u talbet illi dik il-Qorti: i. terga' tirrendi esekutiva s-sentenza hawn fuq imsemmija; u ii. tawtorizza lir-rikorrenti sabiex a bazi tas-sentenza msemmija tezegwixxi l-kreditu taghha ta' ghoxrin elf mija u erbghin lira Maltin (Lm20,280), jew kull somma verjuri li tista' tirrizulta sad-data ta' l-eventwali digriet ta' dik il-Qorti, bl-imghax legali mid-data tar-rispettivi skadenzi sal-gurnata ta' l-effettiv pagament;

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat illi permezz taghha issottometta:

1. Illi fl-ewwel lok, jirrileva illi bint il-partijiet ghalqet it-tmintax (18)-il sena fl-1999 u ghalhekk, illum hija maggorenni b'dan illi l-ebda manteniment m'huwa pagabbli ghaliha mill-1999 sal-lum;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat ukoll illi huwa ghamel zmien twil ibati minn problemi ta' sahha illi ma ppermettewlux illi jimpjega ruhu - sitwazzjoni li, fil-fatt, regghet avverat ruhha llum. Fil-fatt, minn April 1982 sa Marzu 1993, minn Settembru 1996 sa l-1 ta' April 1999, u minn Novembru 2001 sal-lum, huwa kien bla xoghol, kif jidher mid-debita certifikazzjoni mahruga mill-Korporazzjoni ghall-Impjieg u t-Tahrig, li qed tigi annessa

u esebita u mmarkata bhala Dok. CB1. Inoltre, kif jidher mill-istess dokument, bejn Marzu 1993 u l-ahhar ta' Awissu 1996, huwa kien biss impjegat fuq bazi *part-time*.

3. Illi jirrizulta ghalhekk illi fil-fatt, mid-data tas-sentenza *de quo* sal-lum, huwa kellu impjieg fiss *full-time* biss ghal perijodu komplessiv ta' madwar sitta u tletin (36) xahar u impjieg *part-time* ghal perijodu ta' circa erbghin (40) xahar;

4. Apparti kull konsiderazzjoni dwar ir-retta alimentari pagabbli fiz-zmien meta huwa kien impjegat fuq bazi *part-time* - kif ser jigi sottomess aktar 'il quddiem - jirrizulta illi ghall-maggor parti taz-zmien illi r-rikors promotur jirreferi ghalih, huwa kien - u prezentement rega' qieghed - fl-impossibilità fizika illi jissomministra l-manteniment lir-rikorrenti. Fil-fatt, prezentement huwa rega' gie inibit milli jahdem fuq parir mediku, skond ma jirrizulta minn certifikat mahrug mill-ispecjalista Ray Gatt fit-13 ta' Novembru 2001, li kopja tieghu hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. RG1;

5. Ghalhekk, *ai termini* ta' l-**Artikolu 22(2)** tal-**Kodici Civili**, ir-rikorrenti ma tistax tippretendi l-hlas tal-manteniment ghall-perijodi fejn huwa ma kellux il-mezzi sabiex imantniha. Fil-fatt, fic-cirkostanzi, l-ammont ta' ghoxrin elf, mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm20,280) pretiz mir-rikorrenti fir-rikors promotur ghal perijodu effettiv (sa meta gie pprezentat l-istess rikors promotur) ta' mija u hamsa u tletin (135) gimgha, jammonta ghal manteniment ta' mija u hamsin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm150.22) fil-gimgha!

6. Illi, ulterjorment ghal dan, skond kif jidher mill-istess Dok. CB1, fiz-zmien bejn it-8 ta' Marzu 1993 u l-31 ta' Awissu 1996, total ta' circa mija u wiehed u tmenin (181) gimgha, huwa kien jahdem biss fuq bazi *part-time*, b'introjtu baxx hafna, li lanqas ma kien jippermettilu illi jhallas ir-retta alimentari intera kif fuq premess, u ghalhekk anke hawnhekk japplikaw il-provvedimenti ta' l-**Arikolu 22(2)** tal-**Kodici Civili**;

7. Huwa jirrileva wkoll illi huwa qatt ma talab ghar-riduzzjoni tal-manteniment *de quo* stante illi r-rikorrenti qatt ma ghamlet l-ebda pretiza (*sic*) jew interpellazzjoni ghall-istess, peress illi kienet tircievi l-assistenza socjali. Fil-fatt, l-istess rikorrenti, madwar ghaxar (10) snin ilu, kienet avvicinatu u qaltlu illi hija kienet lesta li tghinu sabiex jikseb annullament, basta jaghtiha somma ta' flus li ma tigix dikjarata, sabiex b'hekk hija ma titlifx il-flejjes illi kienet tippercepixxi in linea ta' beneficcju socjali. Illi minhabba f'hekk, jekk it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha, hija tkun qed tigi awtorizzata illi taghmel arrikiment indebitu, b'mod li jista' anke jikkostitwixxi frodi u abbuz mis-sistema tal-beneficcji socjali;

8. Ghalhekk huwa, filwaqt illi minn issa, jirrizerva l-pozizzjoni tieghu rigward il-manteniment li jista' jkun *prima facie* dovut prezentement *ai termini* tas-sentenza *de quo*, jissottometti bir-rispett illi, kif ghandu jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kaz, l-ammont ta' ghoxrin elf, mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm20,280) pretiz mir-rikorrenti fir-rikors promotur huwa eccessiv, u lanqas ma huwa dovut imqar parzjalment, stante illi r-rikorrenti rceviet assistenza socjali kostantement matul il-perijodu *de quo*;

Ghaldaqstant, huwa jissottometti illi t-talba kontenuta fir-rikors promotur tat-8 ta' Awissu 2001, in kwantu eccessiva u anke maghmula minkejja l-fatt illi l-istess rikorrenti digà rceviet assistenza socjali in linea ta' manteniment, ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;
Salv kull provvediment iehor illi dik il-Qorti jidrilha xieraq;

Rat is-sentenza tas-sebgha (7) ta' Novembru, 2002 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"**Tilqa' l-ewwel talba** u tordna li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-tletin (30) ta' Novembru, 1981, fil-kawza fl-ismijiet '*Helen Bezzina mart Charles Bezzina f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minorenni Pamela Bezzina versus Charles Bezzina*' (Citazz. Nru. 887/81) terga' mill-gdid issir ezekuttiva u ezegwibbli;

“Billi jirrizulta li minn dak inhar tal-imsemmija sentenza, ir-rikorrenti rceviet hlasijiet li jaqbzu l-ammont minnha mitlub, **tichad it-tieni talba** tar-rikorrenti, b’kull rizerva ghal kull procedura ezekuttiva li hija jista’ jkollha jedd ghaliha bis-sahha tal-ewwel talba, fuq hlasijiet li jistghu ikunu dovuti lilha fil-gejjieni bis-sahha tal-imsemmija sentenza;

“L-**ispejjez** jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Illi din hija azzjoni taht l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Biha, r-rikorrenti Helen Bezzina qeghda tipprova tezegwixxi sentenza li nghatat favuriha, kemm f’isimha u kif ukoll f’isem bintha (li dak iz-zmien kienet ghadha taht l-età), kontra l-intimat, u dan biex jigi ikkundannat ihallasha l-manteniment li messu hallasha matul iz-zmien bis-sahha ta’ dik is-sentenza;

“Illi min-naha tieghu, filwaqt li ma jidhirx li ressaq xi oppozizzjoni ghall-ewwel talba tar-rikorrenti, l-intimat qieghed jopponi bis-shih it-tieni talba taghha. Dan qieghed jaghmlu billi jghid li hu ma kellux ihallas l-ammont imsemmi fir-Rikors, li l-istess rikorrenti kienet digà thallset minghand id-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali, u li f’kull kaz ma ghandu jhallas l-ebda ammont ta’ manteniment dwar bintu minn mindu lahqet l-età ta’ tmintax-il (18) sena;

“Illi l-provi li tressqu mill-partijiet (l-izjed mill-intimat) kienu jirrigwardaw tliet (3) aspetti: (a) l-ammonti li r-rikorrenti rceviet mid-Dipartiment; (b) iz-zmien li l-intimat ghamel minghajr impjieg jew impjieg fiss; u (c) trasferimenti ta’ gid mill-intimat;

“Illi l-Qorti tibda biex tghid li l-procedura mfassla taht l-artikolu 258 tal-Kap 12 hija mahsuba biex terga’ taghti sahha lil titolu ezekuttiv li jkun baqa’ ma giex ezegwit sa hames snin minn mindu seta’ jigi ezegwit. L-ghan ta’ din il-procedura ghalhekk hu li jerga’ jaghti lill-kreditur il-jedd li jtemm dak li ma jkunx sehhlu jwettaq fiz-zmien minn mindu jitnissel dak it-titolu. M’huwiex mahsub li din il-

procedura sservi biex jerga’ jinfetah id-dibattitu fil-mertu li jkun inholoq bit-titolu nnifsu. Huwa ghalhekk xoghol il-Qorti li, taht din il-procedura, tqis jekk kienx hemm jew le titolu, u jekk dak li r-rikorrent jallega dwar jekk thallasx jew gabarx dak suppost moghti lilu fl-imsemmi titolu jkunx tassew ma thallasx ghal kollox jew imqar f’parti minnu;

“Illi hija l-ligi nnifisha li tfisser x’ghandu wiehed jifhem bil-kliem ‘titolu ezekuttiv’. Ghalhekk, l-artikolu 258 ma japplika ghall-ebda titolu iehor mhux imsemmi fil-ligi;

“Illi, t-titolu li r-rikorrenti f’dan il-kaz qeghda titlob li terga’ tghajjex huwa sentenza. Is-sentenzi (bhad-digrieti) moghtija mill-Qrati ta’ Malta huma fost l-ghamliet ta’ titoli ezekuttivi maghrufa mill-ligi. Ir-rikorrenti ressqet kopja tas-sentenza li hija trid tirrendi ezekuttiva mill-gdid, u ziedet tghid fir-rikors taghha li minn dik is-sentenza ma sarx appell. Dik is-sentenza tikkostitwixxi gudikat bejn il-partijiet;

“Illi r-rikorrenti ttenni li l-intimat, tajjeb jew hazin, hallasha biss il-manteniment ta’ tlettax-il (13) [*sic*] wara li kienet inghatat l-imsemmija sentenza, u mbaghad waqaf. Meta ressqet ir-rikors kienu ghaddew elf u erbatax-il (1014) gimgha minn mindu thallset l-ahhar minghand l-intimat. Ghalhekk, minbarra t-talba biex tirrendi s-sentenza ezekuttiva mill-gdid, ressqet ukoll it-tieni talba ghal-likwidazzjoni tas-somma ta’ manteniment li jmissha tircievi minghand l-intimat ghal dak iz-zmien kollu. Ir-rikorrenti tqis dak l-ammont bhala l-kreditu li baqa’ mhux imhallas lilha bis-sahha tat-titolu ezekuttiv;

“Illi, fis-sottomissjonijiet imressqin mill-intimat, din il-Qorti giet mistiedna tqis li l-obbligazzjoni li tnisslet favur ir-rikorrenti bis-sentenza llum il-gurnata ntemmet bil-hlas li sar lilha mid-Dipartiment. Intalbet ukoll tqis li, b’zieda ma’ dan, jekk kemm-il darba din il-Qorti kellha tilqa’ t-talba taghha li tillikwida somma ta’ arretrati ta’ manteniment, ir-rikorrenti se’ tkun staghniet b’mod mhux xieraq bi hsara tal-intimat ghaliex sejra tkun irceviet mill-gdid dak li kienet digà thallset ghalih minghand haddiehor li jista’ jaghzel li jdur fuq l-intimat ghar-rifuzjoni. Il-Qorti ntalbet tqis ukoll il-

bdil tac-cirkostanzi tal-intimat minn wara li nghatat is-sentenza li r-rikorrenti llum qeghda titlob l-ezekuzzjoni taghha mill-gdid.  L-intimat semma wkoll il-kwistjoni tal-manteniment dovut lil bintu, li llum il-gurnata lahqet l-età legali;

"Illi dwar dawn is-sottomissjonijiet, il-Qorti tghid li ma tistax twarrab minn quddiemha n-natura tal-proceduri li ghandha quddiemha.  Kif digà nghad aktar 'il fuq, m'huwiex il-kompitu tal-Qorti li terga' tiftah mill-gdid id-dibattitu maghluq bis-sentenza li taghha tintalab l-ezegwibilità mill-gdid.  Il-Qorti tifhem li, kieku dan kellu jsir, ikun qieghed jinghata bidu ghal ghamla ta' process li jmur lil hinn mir-rimedju tar-ritrattazzjoni li digà huwa meqjus bhala rimedju straordinarju.  Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tqis bhala xkiel ghat-talba tar-rikorrenti dawk il-grajjiet li ghadda minnhom l-intimat li, minhabba fihom, ma kienx f'qaghda li jhallas il-manteniment.  Ir-rimedju tal-intimat ghal kaz bhal dan hu li jressaq, b'azzjoni mibdija minnu (u mhux bil-mezz ta' eccezzjoni ghal azzjoni mressqa kontrih), talba specifika ghall-helsien mill-obbligu ghall-manteniment jew ghall-bidla fir-rata stabilita b'sentenza li tkun inghatat qabel;

"Illi b'daqshekk, ma jigix li l-procedura mehuda taht l-artikolu 258 tal-Kap 12 ssir formalità, imma jibqa' dejjem fis-setgha tal-Qorti li tqis jekk ghandhiex tilqa' t-talba ta' rikorrent billi tara jekk jezistux jew le l-kundizzjonijiet li bihom is-sentenza jew titolu ezekuttiv li jkun ghad hemm lok li jergghu jinghataw sahha ghall-ezekuzzjoni taghhom.  Kif inghad, dawn l-elementi huma tnejn:  fl-ewwel lok, is-siwi tat-titolu invokat, u, fit-tieni lok, jekk ghadx hemm pendenza tal-kreditu li nholoq b'dak it-titolu;

"Illi dan ifisser li whud mis-sottomissjonijiet l-ohrajn tal-intimat imisshom jinghataw konsiderazzjoni xierqa.  B'mod partikolari, dan jinghad dwar jekk ir-rikorrenti ghadhiex kreditrici tal-intimat zewgha.  Il-Qorti tibda biex tqis li s-sentenza li r-rikorrenti trid terga' tghajjex stabiliet rata wahda ta' manteniment fiss dovut lill-attrici (r-rikorrenti tal-lum) ghaliha u ghal bintha Pamela li dak iz-zmien kienet ghadha taht l-età <u>b'effett minn dak inhar</u>

stess. Il-Qorti ma ffissatx kemm mis-somma kanonizzata kellha tkun is-sehem tar-rikorrenti u kemm is-sehem ta' bintha. Minbarra dan, is-sentenza stabiliet ukoll li c-*Children's Allowance* kellha tithallas direttament lill-attrici. Gara li l-intimat waqaf ihallas dak li gie ikkundannat bis-sentenza li kellu jhallas. Ir-rikorrenti daret ghall-ghajnuna tad-Dipartiment. Mill-provi li tressqu jirrizulta li, bejn April tal-1982 u Dicembru tal-2000, ir-rikorrenti kienet irceviet minghand id-Dipartiment hlas ta' wiehed u ghoxrin elf sitt mija u sitta u sebghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm21,676.23). Minbarra dan irceviet ukoll elfejn sitt mija u dsatax-il lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm2619.15) fi hlas ta' *Children's Allowance*;

"Illi x-xiehda dipartimentali mressqa mill-intimat fissru lill-Qorti li l-imsemmija hlasijiet saru sewwasew ghaliex ir-rikorrenti kienet talbet ghajnuna minhabba li ma kinitx thallset il-manteniment minghand l-intimat. Dawn ix-xiehda fissru wkoll li filwaqt li l-beneficjarja kellha taghmel l-almu kollu taghha biex tikseb il-hlas tal-manteniment, id-Dipartiment kien jista' jdur fuq l-intimat biex dan ihallas lura lilu dak kollu li kien hallas lil martu bhala assistenza. Minghajr ma l-Qorti tidhol fl-irqaqat ta' kif, min u meta messhom ittiehdu l-imsemmija proceduri, jista' jinghad li gie muri minghajr l-ebda hjiel ta' dubju li l-kawzali li ghaliha r-rikorrenti ressqet it-talba lid-Dipartiment ghas-Sigurtà Socjali ghall-hlas kienet id-dispozizzjoni tas-sentenza tal-1981 li biha zewgha kien kundannat ihallasha l-manteniment. Din il-Qorti qeghda tqis l-argument tal-intimat li l-obbligazzjoni twettqet bil-hlas effettwat mit-terz, bhala wiehed li jghodd u li ghandu jgorr il-piz fil-kejl tat-talbiet tar-rikorrenti f'din il-procedura;

"Illi, madankollu, wiehed irid iqis li l-obbligazzjoni mnissla mis-sentenza li taghha r-rikorrenti qeghda titlob l-ezegwibilità mill-gdid, ma kinitx il-hlas ta' somma wahda ghal darba, jew it-twettiq ta' ghamil li jsehh darba, imma **obbligazzjoni kontinwa** li tibqa' sakemm jibqghu jezistu c-cirkostanzi li nholqu bis-sahha taghha, jew sakemm ma tinghatax sentenza ohra li tibdel jew thassar dak li gie hemm stabbilit. Huwa minhabba f'hekk li l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat fis-sens li l-interess

tar-rikorrenti li tressaq dan ir-Rikors ma jezistix. L-istess intimat donnu jdur lura fuq is-sottomissjoni tieghu, u fin-Nota tieghu, jidher li jaccetta l-possibilità li l-interess ta' martu li l-imsemmija sentenza tigi reza ezegwibbli jista' jkun jezisti ghall-gejjieni. Il-Qorti ssib li din hija l-qaghda vera li ghandha tittiehed dwar il-procedura mibdija mir-rikorrenti: sakemm ghad hemm fis-sehh cirkostanzi li kienu jezistu fil-waqt li inghatat is-sentenza li llum qeghda tintalab l-ezegwibilità taghha, il-Qorti ma tistax ma tqisx li jezisti wkoll l-interess guridiku li jirradika t-talba ghall-ezekuzzjoni taghha;

"Illi f'kaz bhala ma huwa dan li ghandha quddiemha l-Qorti llum, ma jistax jinghad li la darba r-rikorrenti thallset kulma setghet tippretendi mid-Dipartiment, b'hekk id-dejn li holqot is-sentenza kontra zewgha l-intimat intemm: minhabba n-natura rikorrenti tal-obbligazzjoni mahluqa fuq l-intimat bl-imsemmija sentenza, id-dejn - fis-sens imfisser mil-ligi fl-artikolu 258 - ghadu dovut u s-sentenza tibqa' tharsu fejn u sakemm mehtieg;"

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti Helen Bezzina illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi:
"… din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgibha tvarja s-sentenza ta' l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-sebgha (7) ta' Novembru 2002 … billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti, u thassarha in kwantu laqghet l-eccezzjonijiet ta' l-appellat u cahdet it-tieni talba tar-rikorrenti, u tghaddi biex tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tichad l-eccezzjonijiet ta' l-appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat";

Rat ir-risposta ta l-intimat appellat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tar-rikorrenti appellanti kontra s-sentenza appellata huwa illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… l-ewwel Onorabbli Qorti qieset bhala pagament tat-terz assistenza finanzjarja li qatt ma kienet intiza sabiex testingwi d-debitu ta' l-intimat, u li anzi tekwivali ghal dejn li dahlet ghalih l-esponenti sabiex tmantni ruhha u li gie elargit proprju bil-patt u l-kundizzjoni li l-esponenti tfittex li tezegwixxi l-kreditu taghha biex thallas lura tali dejn";

Ikkunsidrat:

Illi ma hemm ebda dubju illi l-"assistenza finanzjarja" illi ssemmi r-rikorrenti fl-aggravju taghha appena citat hija l-assistenza socjali illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-istess rikorrenti inghatat mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali (Dok. CA1, fol. 24 sa 33);

Dwar din l-assistenza socjali, l-ewwel Qorti kkunsidrat u kkonkludiet hekk fis-sentenza appellata (pagna 6):
"Illi x-xiehda dipartimentali mressqa mill-intimat fissru lill-Qorti li l-imsemmija hlasijiet saru sewwasew ghaliex ir-rikorrenti kienet talbet ghajnuna minhabba li ma kinitx thallset il-manteniment minghand l-intimat. Dawn ix-xiehda fissru wkoll li filwaqt li l-benficjarja kellha taghmel l-almu kollu taghha biex tikseb il-hlas tal-manteniment, id-Dipartiment kien jista' jdur fuq l-intimat biex dan ihallas lura lilu dak kollu li kien hallas lil martu bhala assistenza. Minghajr ma l-Qorti tidhol fl-irqaqat ta' kif, min u meta messhom ittiehdu l-imsemmija proceduri, jista' jinghad li gie muri minghajr l-ebda hjiel ta' dubju li l-kawzali li ghaliha r-rikorrenti ressqet it-talba lid-Dipartiment ghas-Sigurtà Socjali ghall-hlas kienet id-dispozizzjoni tas-sentenza tal-1981 li biha zewgha kien kundannat ihallasha l-manteniment. Din il-Qorti qeghda tqis l-argument tal-intimat li l-obbligazzjoni twettqet bil-hlas effettwat mit-terz, bhala wiehed li jghodd u li ghandu jgorr piz fil-kejl tat-talbiet tar-rikorrenti f'din il-proceduri" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

L-aggravju in ezami tar-rikorrenti jirrigwarda precizament il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti f'dik il-parti appena citata - u illi dina l-Qorti ssottolinejat - tas-sentenza appellata. In sostenn ta' dan l-aggravju taghha r-rikorrenti, fir-rikors ta' appell, taghmel diversi osservazzjonijiet dwar punti ta' ligi u taghmel riferenza ghal diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, sabiex tigi rizolta din il-vertenza, huwa sufficjenti illi ssir riferenza ghal wahda minn dawn is-sentenzi, dik moghtija minn dina l-Qorti, diversament komposta, fit-tmienja (8) ta' Jannar, 1965 fil-kawza fl-ismijiet *Marianna Gauci vs. Nazzarena Gauci noe.* (Vol. XLIX. I. 31 *et seq*.), liema sentenza laqghet it-talbiet attrici billi kkonfermat is-sentenza illi kienet inghatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tletin (30) ta' April, 1964. F'dik il-kawza, bhal fil-kawza odjerna, kien qed jintalab illi tigi awtorizzata l-esekuzzjoni ta' sentenza precedenti bejn l-istess kontendenti - peress illi kienu ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta setghet tigi esegwita - illi permezz taghha ir-ragel ta' l-attrici kien gie kundannat ihallasha l-manteniment u, ukoll bhal fil-kawza odjerna, waqt illi r-ragel ta' l-attrici ma hallasx dan il-manteniment l-attrici kienet qed tircievi l-assistenza socjali. Bhal fil-kaz odjern ukoll, fil-kaz *Gauci vs. Gauci* l-attrici talbet illi zewgha jhallasha l-arretrati ta' manteniment dovut skond is-sentenza relativa;

Fil-parti rilevanti ghall-materja in ezami - liema parti r-rikorrenti ccitat fir-rikors ta' appell taghha - ta' l-imsemmija sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' April, 1964 fic-citata kawza *Gauci vs Gauci* - illi, kif già inghad, giet konfermata minn dina l-Qorti - jinghad hekk:
"Illi barra minn dan illum, kieku kellha tigi segwita l-gurisprudenza l-antika hemm kaz car biex tigi mdahhla eccezzjoni gdida barra min dawk già rikonoxxuti tal-motiv gust tal-inazjoni u tad-dejn, u cioè dak tal-persuna alimentanda li minhabba l-indifferenza tad-debitur specjalment meta jkun zewgha tigi umiljata u mixhuta fuq l-ahhar risorsa tal-ghajnuna socjali, li hija ntisa biex tipprevieni li n-nies fil-bzonn jergghu isiru tallaba fit-toroq. Il-fatt tar-ricezzjoni tal-ghajnuna socjali li, kif jaf kulhadd huwa soggett ghal hafna investigazzjonijiet u revizjonijiet prejodici min-naha tal-Gvern, juri (jekk qatt kien mehtieg)

il-bzonn tal-attrici f'dawn l-ahhar snin u li l-kaz jista' liberament jigi ekwiparat ghall-kaz ta' dak li jkollu jiddejjen biex imantni ruhu; infatti l-Gvern ghandu azzjoni ta' regress kontra d-debitur tal-alimenti daqs min jissoministra l-alimenti lill-mara mizzewga minflok ir-ragel morus, u dana biex ma jkunx hemm arrikkiment indebitu da parti tar-ragel minn fuq dahar l-erarju pubbliku u c-cittadini tajba li jzommuh bit-taxxi li jhallsu."

Minn din is-silta jemergi illi l-Qorti ma kkonisdratx illi bil-hlas ta' l-assistenza socjali lill-attrici gie sodisfatt il-kreditu ta' l-attrici kontra zewgha ghall-hlas tal-manteniment dovut *ai termini* tas-sentenza relativa. Dina l-Qorti taqbel ma' din il-konsiderazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant, fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell, isostni illi s-sentenza *Gauci vs. Gauci* ma tapplikax ghall-kaz odjern ghaliex fiz-zewg (2) kazi c-cirkostanzi huma differenti. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat din l-ahhar imsemmija sentenza u l-atti tal-kawza odjerna, ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellant. Infatti, l-unika divergenza rilevanti bejn iz-zewg kazi hija illi, filwaqt illi fil-kaz *Gauci* l-assistenza socjali illi ppercepiet l-attrici kienet globalment anqas mill-arretrati ta' manteniment pretizi minnha, fil-kaz odjern l-arretrati ta' manteniment mitluba huma anqas mill-ammontat globali ta' assistenza socjali illi rceviet ir-rikorrenti. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, però, din id-divergenza ma ghandha ebda effett negattiv fuq il-konkluzjoni hawn fuq imsemmija illi l-hlas ta' l-assistenza socjali ma jissodisfax il-kreditu tar-rikorrenti kontra zewgha. Infatti, permezz tas-sentenza *Gauci vs. Gauci* dina l-Qorti kkundannat lir-ragel ta' l-attrici sabiex ihallas lill-attrici l-arretrati kollha tal-manteniment dovut lilha, minghajr ma naqqset l-ammont illi l-istess attrici kienet rceviet taht forma ta' assistenza socjali;

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-aggravju in ezami tar-rikorrenti huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, dan stabbilit, jibqa' illi jigi konsidrat jekk, sa meta fit-tmienja (8) ta' Awissu, 2001 gie ntavolat ir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrenti kienitx kreditrici ta' l-intimat fis-somma ta' Lm20,280, imsemmija fit-tieni (2) talba taghha. F'dak ir-rikors - illi l-kontenut tieghu gie konfermat bil-gurament mir-rikorrenti - ir-rikorrenti qalet illi wara s-sentenza illi hija qed titlob illi tigi reza esegwibbli l-intimat hallasha l-manteniment ta' ghoxrin lira (Lm20) fil-gimgha skond l-istess sentenza ghal tlettax(13)-il gimgha biss u illi, ghalhekk, sas-sitta (6) ta' Awissu, 2001 l-intimat kellu jhallasha l-arretrati ta' manteniment ghal elf u erbatax-il gimgha, ammontanti ghal Lm20,280. L-intimat, ghalkemm fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur jghid bil-gurament illi din is-somma ta' Lm20,280 hija eccessiva, ma gabx provi illi jissodisfaw lil dina l-Qorti illi sallum, hallas lir-rikorrent xi manteniment oltre dak ghal 13-il gimgha msemmi mir-rikorrenti. Ghalhekk, dina l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi sas-6 ta' Awissu, 2001 l-intimat kellu jaghti l-ammont ta' Lm20,280 bhala manteniment lir-rikorrenti. L-imghax mitlub huwa ukoll dovut ghaliex l-ammont illi fuqu ir-rikorrenti qed titlob illi jiddekorri jirrizulta minn sentenza;

Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonfermaha kwantu laqghet l-ewwel (1) talba' tar-rikorrenti, tirrevokaha ghall-kumplament u billi t-tilqa' t-tieni (2) talba tar-rikorrenti b'dan illi tiddikjara illi l-kreditu ta' Lm20,280 illi r-rikorrenti qed tigi awtorizzata illi tesegwixxi jirraprezenta l-arretrati ta' manteniment dovut sas-6 ta' Awissu, 2001, u billi tordna illi l-ispejjez tal-ewwel istanza jigu sopportati kollha mill-intimat;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-intimat appellat. Tordna fl-ahharnett li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata minnufih mir-Registratur tal-Qrati lid-Direttur tad-Dipartament tas-Sigurta' Socjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------